# L-Istudji Soċjali għar-Raba' Sena Primarja

Settembru 2014

## Pjan ta' ħidma:

<table>
<tr><th colspan="5">sa nofs is-sena</th></tr>
<tr><td>elective</td><td>Agħżel TLIET (3) blokki; l-assessjar ta' nofs is-sena jkun ibbażat fuq dawn it-tliet blokki biss, u jkun minn 80 marka</td><td colspan="3">• Ċ4.2 (Il-Ħajja fil-Belt jew Raħal) Ċ4.2.1, Ċ4.2.2, Ċ4.2.3, Ċ4.2.4, Ċ4.2.5<br>• Ċ4.3 (Ix-Xogħol) li tinkludi: Ċ4.3.1, Ċ4.3.2, Ċ4.3.3, Ċ4.3.4, Ċ4.3.5<br>• Ġ4.2 (It-Temp) li tinkludi Ġ4.2.1, Ġ4.2.2, Ġ4.2.3, Ġ4.2.4, Ġ4.2.5<br>• Ġ4.3 (Tibdil Skont l-Istaġuni) li tinkludi: Ġ4.3.1, Ġ4.3.2, Ġ4.3.3, Ġ4.3.4, Ġ4.3.5<br>• S4.2 (Il-Ħrejjef, Il-Leġġendi u l-Istorja) S4.2.1, S4.2.2, S4.2.3, S4.2.4, S4.2.5<br>• S4.3 (Iċ-Ċelebrazzjonijiet u l-Ħin Liberu) li tinkludi: S4.3.1, S4.3.2, S4.3.3, S4.3.4, S4.3.5</td></tr>
<tr><td>fieldwork obbligatorju</td><td colspan="4">FIELDWORK MADWAR IL-BELT JEW RAĦAL FEJN NOQGĦOD – il-work directives (fieldwork notes) jiġu pprovduti mis-CMD; il-fieldwork jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka; il-marka tidher fuq ir-rapport ta' nofs is-sena.</td></tr>
<tr><td colspan="5"></td></tr>
<tr><th colspan="5">sal-aħħar tas-sena (għall-annwal)</th></tr>
<tr><td>core</td><td>L-eżami annwali jkun ibbażat fuq dawn it-TLIET (3) blokki CORE biss, u jkun minn 80 marka</td><td>Ċ4.1 (Nies Li Jgħinuna) li tinkludi: Ċ4.1.1, Ċ4.1.2, Ċ4.1.3, Ċ4.1.4, Ċ4.1.5</td><td>Ġ4.1 (Il-Gżejjer Maltin) Ġ4.1.1, Ġ4.1.2, Ġ4.1.3, Ġ4.1.4</td><td>S4.1 (Personaġġi Maltin) S4.1.1, S4.1.2, S4.1.3, S4.1.4, S4.1.5</td></tr>
<tr><td>proġett jew fieldwork</td><td colspan="4">Ikun hemm għażla, bejn:<br>(a) proġett fejn tingħata għażla minn diversi temi (jew)<br>(b) fieldwork dwar INFITTXU T-TIFKIRIET TAL-PERSONAĠĠI MALTIN FIL-BELT U L-FURJANA.<br>Il-proġett jew it-tieni fieldwork jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka u l-marka tidher fuq ir-rapport annwali</td></tr>
<tr><td colspan="5"></td></tr>
<tr><td colspan="5">RIŻORSI – ikunu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ u fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY</td></tr>
<tr><td colspan="5"></td></tr>
</table>

N.B. **RLO**s huma sensiela ta' **logħob interattiv** li qed jiġu żviluppati mill-kumpanija Siveco; biex issibhom, idħol fil-Fronter, fil-paġna *TODAY* fittex RLOs. Idħol fis-sena li għandek bżonn u fittex il-logħba (RLO) skont it-titlu li jkollok bżonn. L-RLOs għadhom mhumiex iffinalizzati.

| IĊ-ĊIVIKA – Ir-Raba' Sena Primarja | | |
|---|---|---|
| **Blokk Ċ4.1 Nies li jgħinuna**<br>**Miri**: *Ir-rwoli differenti tal-persuni li jgħinuna fil-lokalità tagħna. Ir-rwol tal-istudenti eletti fil-kunsill tal-istudenti tal-iskola li nattendu. Nifhmu d-differenza bejn min jagħmel xogħol volontarju u min hu mpjegat.* | | |
| **kodiċi** | **ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| Ċ4.1.1 | nidentifikaw x'uħud mill-persuni li jgħinuna fil-komunità, kemm dawk voluntiera kif ukoll dawk li huma mpjegati | 1. **nibnu profili ta' nies li jgħinuna** – nibnu profili ħfief tan-nies li jagħtuna xi forma ta' għajnuna fil-komunitajiet tagħna. Mod wieħed kif nistgħu nibnu l-profil huwa: (a) il-persuna li tgħinna (b) kif tgħinna. Niktbu sentenza dwar kif tgħinna l-persuna li nkunu semmejna.<br>2. **diskussjoni** – għaliex fil-komunitjiet tagħna kull waħda minn dawn il-persuni hija bżonnjuża.<br>3. **nirrakkuntaw** – nistiednu lit-tfal biex mill-esperjenza tagħhom stess, isemmu każi meta huma stess, familjari, qraba, ġirien jew nies li jafu huma, xi darba ġew bżonn l-għajnuna; nistednuhom jirrakkuntaw x'tip ta' għajnuna rċevew meta kellhom bżonn.<br>4. **nikklassifikaw** – mil-lista ta' nies li jgħinuna, noħorġu dawk li jagħmlu hekk b'mod **volontarju**, jiġifieri mingħajr ma jitħallsu, eż. il-mexxejja tal-iscouts, il-katekisti tal-Mużew, il-kumitati tal-każini tal-baned; hemm imbagħad l-**impjegati**, eż. il-pulizija u l-għalliem.<br>5. **attività** – nagħmlu intervista ma' persuna li tgħinna. Fil-klassi, flimkien, nifformulaw mistoqsijiet li nistgħu nistaqsu lil dil-persuna. |
| Ċ4.1.2 | nibnu relazzjonijiet tajba mal-istudenti eletti fil-kunsilli tal-istudenti | 1. **intervista** – nagħmlu arranġamenti biex issir intervista lill-President tal-Kunsill tal-Istudenti jew xi membru tal-kunsill tas-sena ta' qabel. Inħallu lit-tfal jistaqsu mistoqsijiet liberi fuq l-esperjenza u l-ħidma tiegħu/tagħhom fil-kunsill tal-istudenti.<br>2. **lista** – nissuġġerixxu temi li jista' jiddiskuti l-Kunsill tal-Istudenti fil-laqgħat li jkollu; il-lista nibagħtuha lill-Kap tal-Iskola biex jgħaddiha lill-Kunsill għad-diskussjoni.<br>3. **niddiskutu** – nimmaġinaw li l-klassi tagħna kollha tifforma parti mill-Kunsill tal-Istudenti; noħolqu diskussjoni dwar tema waħda li l-istudenti stess ikunu jixtiequ jiddiskutu. Fl-aħħar xi ħadd mill-istudenti jiġbor fil-qosor dak kollu li jkun intqal mill-istudenti waqt id-diskussjoni. |
| Ċ4.1.3 | Nesploraw x'inhi r-relazzjoni bejn **għajnuna** u **protezzjoni**. Nidentifikaw l-għajnuna u/jew il-protezzjoni li jagħtuna bosta persuni fil-lokalità tagħna | Nużaw il-lista ta' Ċ4.1.1 (nies li jgħinuna) biex niddiskutu kif dawn in-nies **jipproteġuna** u meta jinqala' l-bżonn imbagħad **jgħinuna**.<br>1. **eżempju** bid-dentista tal-iskola – meta d-dentista tiġi l-iskola u tgħidilna kif nieħdu ħsieb snienna, hija tkun qed **tipproteġina** mill-mard tas-snien. Meta mbagħad ikollna xi uġigħ ta' snien, id-dentista **tgħinna** billi jikkurana.<br>2. Inkomplu nsemmu eżempji ta' kif il-protezzjoni u l-għajnuna jimxu flimkien. Dawn li ġejjin huma eżempji; inkomplu nibnu fuqhom: |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | (a) Il-pulizija jipproteġina mis-serq – meta jiġrilna xi inċident, ikun minn tal-ewwel li jagħtina l-għajnuna;<br>(b) it-tabib jipproteġina mill-mard – meta nimirdu jgħinna biex infiqu;<br>(c) l-għalliem jipproteġina mill-injoranza – jgħinna nagħmlu suċċess fil-ħajja;<br>(d) il-kennies jipproteġina mill-ħmieġ (li jġib ħafna mard) – inaddaf meta t-toroq tagħna jitħammġu<br>(e) is-saċerdot / il-kappillan (N.B. *tajjeb li l-għalliem iniżżel sentenzi ħfief fuq il-bord ħalli jibqgħu bħala noti għall-istudenti* )<br>3. **diskussjoni A** – l-istudenti jsemmu każi meta stess jew nies li jafu huma, kellhom bżonn l-għajnuna; naraw kif din l-għajnuna (a) waslet (b) ma waslitx (c) damet ma waslet. Inħalluhom jirrakkuntaw anke xi konsegwenzi li seta' kien hemm.<br>4. **diskussjoni B –** *HEAVEN HAS A HABIT OF HELPING THOSE WHO HELP THEMSELVES* – xi jfisser dan il-proverbju? Naraw kif fil-ħajja, bosta drabi minkejja l-protezzjoni li jagħtuna diversi persuni, fil-fatt ġie li jkollna bżonn l-għajnuna. Hawnhekk importanti ħafna l-ħeffa li nkunu nafu fejn u kif infittxu l-ewwel għajnuna. Xi eżempji li nistgħu naħdmu fuqhom – x'għandna nagħmlu f'każi ta': (a) serq (b) ħruq fid-dar (c) inċident tat-traffiku żgħir fejn ħadd ma jweġġa' (d) inċident gravi (e) ambulanza (f) nixtru prodott u nsibuh ħażin (g) bullying minn studenti (h) bullying minn adulti<br>N.B. L-importanti mhux li nitgħallmu bl-amment imma li nkunu nafu x'għandna nagħmlu u fejn infittxu l-għajnuna |
| Ċ4.1.4 | Niddeskrivu modi ta' kollaborazzjoni mal-persuni li jgħinuna fil-lokalità tagħna; naraw kif il-kollaborazzjoni tagħna tista' tiswa ta' ġid. | | 1. Naraw il-video: http://youtu.be/b97kq2etQF0 - il-video jurina każi sempliċi fejn huwa importanti li jkollna idea tal-Ewwel Għajnuna (*First Aid*). Inħallu lill-istudenti jaslu għall-konklużjoni tagħhom dwar il-messaġġ/i li qiegħed jipprova jwasslilna dal-video.<br>2. Nirrakkuntaw storja – Ġużi kien sejjer l-iskola meta nnota ftit duħħan mit-tieq ta' mara anzjana li toqogħod fit-triq tagħhom. Telaq jiġri d-dar u ċempel għall-għajnuna; l-anzjana ġiet salvata minn sitwazzjoni kerha<br>3. Inħallu lill-istudenti jirrakkuntaw mill-esperjenzi tagħhom xi ġrajja meta xi ħadd ġie salvat b'xi azzjoni li ħa xi ħadd. |
| Ċ4.1.5 | Nifhmu kif bosta nies jgħinuna f'ħajjitna, imma l-prevenzjoni tibqa' l-aħjar għajununa li nistgħu nagħtu lilna nfusna | | Nisimgħu u nitgħallmu l-għanja L-ISTRIXXI - http://youtu.be/28Xc0iCJWP4; l-għanja tittratta dwar l-importanza tas-sinjali li naraw madwarna biex iħarsuna mill-perikli.<br>1. **diskussjoni** – għaliex il-prevenzjoni tibqa' l-aħjar għajnuna li nistgħu nagħtu lilna nfusna?<br>2. **insemmu** – simboli/sinjali u naraw x'ifissru; nistgħu nfittxuhom fuq l-internet ħalli narawhom waqt li nkunu qed naħdmu fuq din il-lista<br>3. **insemmu** – modi kif nużaw it-toroq tagħna mingħajr ma nidħlu fil-perikli<br>4. **insemmu** – perikli li nistgħu niltaqgħu magħhom l-iskola<br>5. **insemmu** – perikli li nistgħu niltaqgħu magħhom fid-dar stess<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 3)** ***Is-Saħħa u s-Sigurtà fid-Dar*** |

**Blokk Ċ 4.2 Il-Ħajja fil-belt jew raħal tagħna**

**Miri**: *Il-wirt u l-attivitajiet kulturali li jeżistu fil-belt jew raħal fejn ngħixu; kif dawn jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-identità tal-belt jew raħal fejn ngħixu. Il-karatteristiċi tal-lokalità tagħna. Nesploraw l-għaqdiet (ċiviċi u reliġjużi) li jeżistu fil-belt jew raħal tagħna u li fihom l-istudenti jistgħu jkunu attivi.*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ċ4.2.1 | Nesploraw xi similaritajiet u xi differenzi li nsibu bejn il-komunità li ngħixu fiha aħna u xi komunità oħra. | L-istudenti jagħmlu riċerka dwar komunitajiet oħra li huma għandhom kuntatt magħhom, eż. iċemplu lill-kuġin, ziju jew ħabib/a li joqgħod f'post ieħor, jew joħorġu u jmorru post ieħor nhar ta' Ħadd. Inħallu lill-istudenti jiskopru d-differenzi li jista' jkun hemm bejn iż-żewġt ibliet/rħula; xi differenzi li jistgħu joħorġu:<br>• **il-ġeografija tal-post** – eż. lokalità fuq għolja, l-oħra fuq pjanura<br>• **l-ismijiet** – tal-belt/raħal stess, tat-toroq, tal-qaddis patrun, tal-każin tal-banda, tan-nies,<br>• **is-simboli lokali** – eż. mina De Rohan Ħaż-Żebbuġ, il-Ġonna tal-Buskett fir-Rabat<br>• **postijiet tax-xogħol** – eż. Marsaxlokk insibu ħafna sajjieda, l-Imqabba xogħol fil-barrieri, il-Mellieħa xogħol fil-lukandi u r-ristoranti, is-Siġġiewi nsibu l-bdiewa<br>Inħallu lill-istudenti jsemmu anke similaritajiet, eż. toroq dojoq u jew/wisgħin, problemi tat-traffiku, knejjes, oqsma tad-djar, żoni industrijali eċċ..<br>**Attivitajiet:** logħob interattiv<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 3)** ***Bliet u Rħula***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 3)** ***Servizzi li Ssib f'Belt / Raħal Tipiku Malti*** |
| Ċ4.2.2 | norganizzaw librerija fil-klassi ta' pubblikazzjonijiet maħruġa mill-għaqdiet, il-parroċċa u l-Kunsill Lokali | Nibnu librerija żgħira bil-fuljetti, flyers, pubblikazzjonijiet oħra maħruġa mill-Kunsill Lokali, mill-parroċċa u mill-għaqdiet bħalma huma l-każini tal-baned li kollha joħorġu ktieb tal-festa fejn jista' jkun hemm bosta artikli interessanti. Hawnhekk ta' min juża wkoll il-websajts tal-kunsilli u l-parroċċi; artiklu interessanti jista' jiġi pprintjat u mpoġġi fil-librerija msemmija.<br>Il-librerija sservi bħala:<br>1. mezz ta' taħriġ fil-qari meta jinqraw artikli interessanti dwar il-belt/raħal tagħna<br>2. referenza meta jkollna bżonn nagħmlu riċerka dwar il-belt/raħal tagħna<br>Logħba li jista' jilgħab l-għalliem hija li jagħti sett mistoqsijiet (tip ta' *treasure hunt*) li r-risposti tagħhom ikunu kollha fil-librerija msemmija. Għal din l-attività l-istudenti jistgħu jaħdmu f'timijiet. |
| Ċ4.2.3 | nidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin tal-lokalità fejn ngħixu | Huwa ssuġġerit li l-ewwel issir diskussjoni dwar x'nifhmu meta ngħidu 'karatteristiċi', filwaqt li niddiskutu wkoll x'inhi r-relazzjoni bejn 'karatteristika' u 'simbolu lokali'; eż: karatteristika tal-Imdina huma t-toroq dojoq tagħha, filwaqt li simboli tal-Imdina huma l-Katidral u Palazzo Falson. Karatteristika taż-Żejtun hija l-bosta għannejja li ssib f'dan ir-raħal filwaqt li simbolu taż-Żejtun hija l-Knisja Medjevali ta' San Girgor. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Din il-ħila mbagħad tista' tintlaħaq b'diversi modi; l-importanti huwa li l-istudenti jiġu involuti fil-proċess tat-tagħlim tagħhom stess; xi ideat:<br>• dawra mal-belt/raħla, nieħdu ritratti, biex imbagħad niddiskutuhom fil-klassi;<br>• nibnu powerpoint bir-ritratti li nkunu ħadna waqt id-dawra<br>• l-istudenti jġibu ritratti u *cuttings* minn fuljetti li juru l-karatteristiċi tal-lokalità fejn ngħixu; l-istudenti jiddiskutuhom mal-għalliem/a<br>• ma ninsewx karatteristiċi pjuttost moħbija bħalma huwa d-djalett tal-lokal; tista' ssir sessjoni fejn it-tfal jitħaddtu bid-djalett, jew jsimgħu *recording/s* tad-djalett magħmulin minnhom stess fid-djar tagħhom<br>Dejjem għandu jsir proċessar mill-għalliem/a tal-informazzjoni miksuba mill-istudenti biex naraw kif dan il-wirt nistgħu nibżgħu għalih u nsostnuh.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Il-Qalba tar-Raħal*** |
| Ċ4.2.4 | nikklassifikaw l-attivitajiet li jsiru fil-belt jew raħal tagħna f'attivitajiet (a) reliġjużi u (b) ta' natura ċivika | L-istudenti jistgħu jinqasmu fi gruppi u jiktbu lista ta' kwalunkwe attività li ssir fil-belt/raħal fejn joqogħdu; jistgħu jaqsmu l-attivitajiet hekk:<br>(a) attivitajiet li jipparteċipaw fihom huma<br>(b) attivitajiet oħrajn li semgħu u/jew jafu bihom<br>Meta l-gruppi jirrappurtaw lill-klassi l-lista li għamlu, tista' tinħoloq paġna fuq il-*whiteboard* fejn issir klassifika kif ġej:<br>(a) attivitajiet ta' natura reliġjuża<br>(b) attivitajiet ta' natura ċivili (din il-lista tinkludi l-attivitajiet sportivi)<br>Issir diskussjoni kif attivitajiet marbuta ma' festa jew okkażjoni partikolari jista' jkollha l-parti reliġjuża u l-parti ċivili tagħha, eż. Jum il-Lokalità jista' jibda b'quddiesa ta' ringrazzjament fil-knisja, imbagħad ikollu wkoll kunċert mużikali fis-sala tal-kunsill.<br>**Ipproċessar**:<br>Normalment min jorganizza l-attivitajiet li semmejna?<br>Għaliex għandna nipparteċipaw fl-attivitajiet?<br>L-attivitajiet li nagħmlu wara l-ħin tal-iskola jtellfuna jew jgħinuna?<br>Kif nistgħu ninkoraġġixxu lil min jorganizza?<br>Kif nilbsu differenti għall-attivitajiet differenti?<br>Taf b'xi attività li ma rnexxietx? Għaliex ma rnexxietx? |
| Ċ4.2.5 | nidentifikaw għaqdiet u/jew gruppi fejn l-istudenti jistgħu | Nidentifikaw studenti li jattendu għaqda jew grupp biex imbagħad niktbu dwar:<br>(a) kif bdejna nattendu, min qalilna bl-għaqda, kif sirna membri<br>(b) x'attivitajiet nagħmlu |

| | | |
|---|---|---|
| | jimpenjaw ruħhom fil-belt jew raħal tagħhom | (c) kemm niddedikaw ħin għal dawn l-attivitajiet<br>(d) x'ġid qed nieħdu minn din l-għaqda<br>Nirriċerkaw l-informazzjoni u noħolqu *brochure* b'lista ta' għaqdiet u gruppi li jeżistu fil-lokalità tagħna, flimkien ma' profil qasir ta' kull għaqda li hemm, kif ukoll tal-kuntatti li jkun jeħtieġ jagħmel min jixtieq isir membru ta' xi għaqda minnhom.<br>Ir-riċerka importanti li ssir mill-istudenti. |
| | | |
| **Blokk Ċ4.3 Ix-Xogħol**<br>**Miri**: *Nirreferu għas-snajja' u xogħlijiet tradizzjonali li kienu jikkaratterizzaw il-ħajja tal-Maltin. Kif in-nies tal-belt jew raħal fejn noqogħdu jaqilgħu x'jieklu llum. Nidentifikaw xogħlijiet li wieħed jista' jagħmel fil-lokalità fejn noqogħdu. Ħarsa ħafifa lejn ix-xogħol bħala mezz ta' għajxien għall-Maltin. Ix-xogħol bħala servizz.* | | |
| **kodiċi** | **ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| Ċ4.3.1 | Nesploraw xi dmirijiet (il-*job description*) u xi drittijiet ta' xi ħaddiema li nafu | Nagħmlu lista/i (*brainstorming*) ta' mpjiegi li għandhom xi nies li nafu aħna, pereżempju l-ġenituri tagħna, il-qraba, u xi nies li nafu.<br>Nesploraw ftit mid-dmirijiet (*job description*) li għandhom x'uħud mill-ħaddiema li jagħmlu dawn ix-xogħlijiet; l-istudenti għandhom jippreparaw għal din is-sessjoni billi jagħmlu intervisti mal-ġenituri, qraba u ħbieb tagħna dwar l-impjieg tagħhom.<br>Tajjeb li nsemmu wkoll id-drittijiet li għandhom il-ħaddiema, dritt għal paga xierqa, kundizzjonijiet tajba fuq ix-xogħol, dritt għal sigurtà eċċ.. |
| Ċ4.3.2 | nidentifikaw u nesploraw x'uħud mis-snajja' u x-xogħlijiet tradizzjonali | Nagħmlu riċerka ħafifa dwar snajja' u xogħlijiet tradizzjonali Maltin li x'uħud minnhom għadhom anke jeżistu.<br>1. **snajja' u xogħlijiet li m'għadhomx jeżistu**: insemmu żewġ snajja' jew xogħlijiet li llum m'għadhomx jeżistu, eż. l-ballata li kienu jballtu l-bjut biex ma jidħolx ilma meta tagħmel ix-xita, u n-nissieġa li kienu jinsġu lożor tas-suf bin-newl.<br>2. **għaliex m'għadhomx jeżistu**? Niddiskutu mal-istudenti għaliex dawn spiċċaw, eż. illum kollox isir bil-magni fil-fabbriki allura ma jirnexxilekx taqla' x'tiekol minn snajja' bħal tan-newl<br>3. **snajja' li għadhom jeżistu bħala passatemp**: nieħdu żewġ eżempji, il-bizzilla u l-ganutell. Illum għadek issib min jagħmel il-bizzilla u l-ganutell, imma bħala passatemp (*hobby*) jew anke *part-time*. Ħafna minn dawn jagħmlu oġġetti li jinxtraw bħala souvenirs mit-turisti.<br>4. **snajja' u xogħlijiet li l-Maltin għadhom jagħmlu**: tajjeb li nkunu nafu xi ħaġa ħafifa fuq kull waħda minn dawn is-snajja: il-buttar, il-landier, il-ħaddied, il-bidwi, ir-raħħal, tal-barriera, is-sajjied, l-iskarpan, l-arluġġar, il-ħajjat, il-bennej, ir-ragħaj, il-furnar, tal-ħsajjar, dak li jsewwi l-vapuri, tal-pastizzi, tal-imqaret, tal-inbid, tal-qubbajd, |

| | | |
|---|---|---|
| | | 5. **Il-Mużew tal-Folklor**: (ara video: http://youtu.be/OItKcC41xuM) fil-mużew insibu, fost affarijiet oħra, għodda li kienet tintuża mill-bdiewa u mis-sajjieda, kostumi antiki, u stampi li għandhom x'jaqsmu ma' snajja' li kellhom il-Maltin fl-imgħoddi. Dan il-mużew jinsab f'bini qadim fiċ-Ċittadella t'Għawdex.<br>6. **L-attitudni tagħna lejn is-snajja' tal-imgħoddi**:<br>• tajjeb li nitgħallmu dwarhom<br>• min isib l-opportunità u jitgħallem sengħa antika bħala passatemp, jagħmel sew<br>• xi snajja' jistgħu jgħinuna nibżgħu għall-ambjent, eż. jekk insewwu ż-żraben għand skarpan minflok nixtru ħafna żraben ġodda, innaqqsu mill-iskart li nipproduċu<br>N.B. Nevitaw listi u tagħlim bl-amment. Minflok nippruvaw nevalwaw mal-istudenti xi vantaġġi li seta' kellhom dawn is-snajja', nesploraw fejn nistgħu nsibu ħjiel tagħhom u jekk hux ta' min jipproteġihom. |
| Ċ4.3.3 | ngħinu lill-istudenti biex jesploraw ix-xogħlijiet l-iktar komuni li jaraw isiru madwarhom fil-lokalità fejn joqogħdu | Mill-esperjenzi tal-istudenti, naraw kif persuna jista' jkollha xogħol li jsir fil-lokalità fejn noqogħdu. Nagħmlu lista b'dawn ix-xogħlijiet mingħajr ma nidħlu f'ħafna dettalji. Biżżejjed isemmu x-xogħol u jkunu jafu din il-persuna x'tagħmel.<br>Xi eżempji ta' xogħlijiet li jistgħu jissemmew: tal-merċa, taż-żebgħa (*ironmonger*), mastrudaxxa, ħaddied, tal-aluminju, pulizija, għalliem, *care-worker*, skrivan mal-kunsill lokali, konfekxiner, furnar, tabib, *hairdresser*, barman, pustier.<br>Attività: insemmu vantaġġi li jkollok meta tkun taħdem fil-lokalità fejn tgħix stess, eż. ma tonfoqx flus biex tmur għax-xogħol, tkun taf in-nies, eċċ.. |
| Ċ4.3.4 | nidentifikaw tipi differenti ta' xogħlijiet li biex jagħmluhom, il-persuni jkollhom jivvjaġġaw barra l-belt jew raħal fejn joqogħdu | Niddiskutu x'jixtiequ jagħmlu l-istudenti meta jikbru.<br>Nisimgħu il-kanzunetta: KEMM NIXTIEQ INSIR PILOTA (http://youtu.be/fhRkZcA7ZsQ) biex nistimulaw iktar id-diskussjoni. Inħeġġu lill-istudenti jagħtu r-raġunijiet għaliex għamlu l-għażliet tagħhom.<br>Nesploraw mal-istudenti u nagħmlu lista tax-xogħlijiet li n-nies li jafu huma (qraba, ħbieb, ġirien u nies li joqogħdu fl-istess belt/raħal) jagħmlu, imma barra r-raħal/belt tagħhom (*commuters*). Dan l-eżerċizzju, l-aħjar li jsir huwa permezz ta' riċerka mill-istudenti stess minn qabel il-lezzjoni.<br>Mil-lista li toħroġ, nikklassifikaw ix-xogħlijiet b'diversi modi, pereżempju:<br>▪ xogħlijiet li jsiru ġewwa, xogħlijiet li nagħmlu barra<br>▪ mas-servizz pubbliku (jiġifieri mal-gvern), xogħol mal-privat<br>▪ xogħol fejn jinħadem xi prodott, eż. qomos, għamara, u xogħol fejn jingħata servizz, eż. it-tabib, social worker, tal-insurance, l-infermier, il-pulizija, l-għalliem<br>▪ xogħol tal-id, eż. bennej, xogħol fejn jaħdem l-iktar il-moħħ, eż. perit |
| Ċ4.3.5 | nesploraw xi dmirijiet li għandhom dawk li | • **Każ**: Marija Azzopardi taħdem bħala gwida mat-turisti. Sikwit hija tiġi mqabbda tiggwida gruppi ta' turisti madwar il-Belt Valletta, l-iktar meta jidħol fil-Port xi *cruise-liner*. Inħallu lill-istudenti jsemmu xi dmirijiet li |

| | | |
|---|---|---|
| | xogħolhom hu li jipprovdu xi servizz | Marija jkollha waqt ix-xogħol tagħha, eż. tirrispondi l-mistoqsijiet tat-turisti, tipprepara ruħha sew dwar is-siti u postijiet ta' nteress, tkun fil-ħin, tippjana r-rotta sew, eċċ..<br>• niddiskutu l-ħaddiema li xogħolhom hu li jipprovdu xi tip ta' servizz, eż. mat-turisti, tabib, *social-worker*, infermier, *carer*, pulizija, għalliem, pustier<br>• niddiskutu xi dmirijiet li għandhom dawk li xogħolhom hu li jagħtu servizz<br>• għaliex huwa importanti li l-ħaddiema jaqdu dmirijiethom sew? Insemmu mill-inqas żewġ raġunijiet. |
| | | |

| **Il-Ġeografija Ir-Raba' Sena Primarja** | | |
|---|---|---|
| **Blokk Ġ4.1 Il-Gżejjer Maltin**<br>**Mira ta' Tagħlim**: *X'inhi mappa? Minn pjanti sempliċi tal-klassi u l-iskola għal mapep tal-Gżejjer Maltin; nidentifikaw u nimmarkaw fuq mappa l-bliet u l-irħula prinċipali tal-Gżejjer Maltin. Il-pożizzjoni ġeografika ta' xi lokalitajiet; is-saffi tal-blat Malti. Il-ħajja fil-bliet u l-kampanja.* | | |
| **kodiċi** | **Ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| Ġ4.1.1 | Il-pjanti tal-klassi, tal-iskola u tal-pjazza; x'inhi mappa? | • **Il-Pjanti** – il-pjanta tal-klassi, il-pjanta tal-klassi, il-pjanta tal-pjazza tar-raħal<br>• **X'inhi mappa**? Għalfejn nużawha u meta nistgħu niġu bżonna? Inqabblu mappa ma' dak li jara għasfur waqt li qed itir (il-*bird's eye view*)<br>**Logħob Interattiv**:<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *X'inhi Mappa?***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *Il-Pjanta tal-Klassi***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *Il-Pjanta tal-Iskola*** |
| Ġ4.1.2 | Nitgħallmu nsibu fuq mappa xi lokalitajiet tal-Gżejjer Maltin | 1. **Gżejjer** – x'nifhmu meta ngħidu 'gżira'? Nimmarkaw fuq mappa l-gżejjer ta' Malta, Għawdex u Kemmuna.<br>2. **Bliet u Rħula** – Fuq mappa tal-Gżejjer Maltin nitgħallmu nsibu dawn il-bliet u rħula: <u>MALTA</u>: Valletta, l-Imdina (u r-Rabat), is-Siġġiewi, il-Birgu, Tas-Sliema, Buġibba, Marsaxlokk, il-Mellieħa, il-Gudja, il-Mosta, iċ-Ċirkewwa; <u>GĦAWDEX</u>: Victoria, Marsalforn u Mġarr.<br>3. **karatteristiċi** – insemmu xi attivitajiet tipiċi li huma marbuta ma' dawn il-bliet u rħula, eż. Valletta – belt kapitali, Marsaxlokk – raħal tas-sajjieda, Mdina – fil-passat kienet il-belt ewlenija ta' Malta, eċċ.. Nistgħu nużaw il-websajts tal-kunsilli lokali biex insibu xi karatteristika bażika dwar dawn il-bliet u rħula. Hawnhekk issir forma ta' logħba billi kull student jadotta belt jew raħal favorit u jsib stampa relevanti kif ukoll joħloq kapxin dwar il-belt/raħal li adotta.<br>4. **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *L-Arċipelagu Malti***<br>5. **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Malta: Bliet, Irħula u Postijiet*** |

| | | |
|---|---|---|
| Ġ4.1.3 | Nesploraw il-pożizzjoni ġeografika ta' xi bliet u rħula Maltin u Għawxin | **Fejn jinsabu xi lokalitajiet: fil-għoli, fil-baxx, ħdejn il-baħar?** Mill-esperjenza tat-tfal u mil-lista ta' Ġ4.1.2, nesploraw kif xi postijiet fil-Gżejjer Maltin huma mibnija:<br>• **fuq xi għolja**, eż. Mellieħa, l-Imdina, Iċ-Ċittadella<br>• filwaqt li oħrajn qegħdin **fil-baxx**, eż. is-Siġġiewi, il-Gudja, il-Birgu, Buġibba, eċċ...<br>• oħrajn **ħdejn il-baħar**, eż. Buġibba, Marsaxlokk, Tas-Sliema, Marsalforn, eċċ... |
| Ġ4.1.4 | nidentifikaw xi differenzi bejn il-ħajja fil-belt u l-ħajja fil-kampanja | • **video –** naraw il-video fuq il-YouTube: http://youtu.be/2wyyPxgXFj0; il-video jittratta dwar il-ħajja fil-belt imqabbla mal-ħajja fil-kampanja.<br>• **niddiskutu** – nitkellmu dwar xi differenzi bażiċi bejn li tkun tgħix f'xi belt jew li tgħix f'xi raħal. Insemmu vantaġġi li jista' jkollna meta nqabblu l-ħajja fil-belt mal-ħajja f'raħal, eż. żgur li f'belt insibu iktar varjetà ta' oġġetti x'nistgħu nixtru, f'xi raħal insibu iktar kwiet u postijiet fejn nagħmlu xi passiġġata.<br>• **nosservaw** – insemmu l-karatteristiċi differenti li naraw madwar l-ibliet u l-irħula Maltin. Noħolqu kuntrasti fl-osservazzjonijiet tagħna, eż. il-Belt Valletta hija l-belt kapitali tagħna, imma jekk irridu nduru dawra fil-kampanja mmorru lejn xi raħal bħas-Siġġiewi. Jekk irridu nimmaġinaw kif kienet il-ħajja fl-antik nistgħu mmorru nduru dawra fit-toroq dojoq tal-Imdina, imma jekk irridu naraw ambjent modern immorru nduru dawra Tas-Sliema. L-istudenti għandhom jiġu mħeġġa joħolqu iktar kuntrasti bħal dawn li qed insemmu.<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Il-Ħajja fil-Belt u l-Ħajja fil-Kampanja*** |
| | | |
| **Blokk Ġ4.2 It-Temp**<br>**Mira**: *nitgħallmu nosservaw l-elementi prinċipali tat-temp; nesploraw strumenti li jkejlu t-temp; nifhmu eżempji ħfief ta' riżultati ta' kejl ta' temp.* | | |
| **kodiċi** | **ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| Ġ4.2.1 | Nosservaw l-elementi prinċipali tat-temp: it-temperatura, ix-xita u r-riħ | • **Informazzjoni** – idea ħafifa taċ-Ċiklu tal-Ilma; minn fejn u kif jiġi l-ilma li nixorbu u nżommu nodfa permezz tiegħu;<br>• **Diskussjoni** – l-użu prinċipali li nagħmlu mill-ilma: xorb, ħasil, tisqija; niddiskutu ideat dwar kif nistgħu nibżgħu għall-ilma;<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Nosservaw il-Kundizzjonijiet tat-Temp*** |
| Ġ4.2.2 | Nidentifikaw strumenti li jkejlu t-temp: it-termometru, ir-raingauge, il-pinnur u l-anemometru | ▪ **l-istrumenti li jkejlu t-temp**: tajjeb li dawn l-istrumenti tat-temp ikunu preżenti fl-iskola u jsir użu prattiku minnhom. Tajjeb ukoll li t-tfal ikollhom opportunità li jwettqu attività marbuta magħhom.<br>▪ **Ir-rapport tat-temp** – għaliex huwa importanti għal kulħadd<br>▪ **Il-UV Index** – idea ħafifa dwaru, meta jkun għoli, eż. bejn 11.00am u 3.00pm fis-sajf, mhux sewwa li noqogħdu ħafna fix-xemx<br>▪ **Informazzjoni** – dwar IR-RIĦ: nitgħallmu d-direzzjonijiet primarji u sekondarji: Tramuntana, Grigal, Lvant, |

| | | |
|---|---|---|
| | | Xlokk, Nofsinhar, Lbiċ, Punent, Majjistral.<br>▪ **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Strumenti tat-Temp*** |
| Ġ4.2.3 | Nifhmu eżempji ħfief ta' riżultati ta' kejl ta' temp | ▪ Inrawmu lit-tfal biex mill-esperjenzi jkunu jafu jagħmlu approssimazzjoni; anki xi eżerċizzji fejn jikkalkulaw huma stess kemm it-temperatura tkun telgħet f'dak il-jum.<br>▪ **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***It-Temperaturi tat-Temp (Inkejlu t-Temp)*** |
| Ġ4.2.4 | Nesploraw kif ikun it-temp tipiku ta' staġuni differenti fil-Gżejjer Maltin | Nibnu ċart sempliċi dwar il-kundizzjonijiet differenti tal-istaġuni kif ngħixuhom Malta. Eż.<br>• **ix-xitwa** – kesħa, logħob ta' ġewwa, skola, il-Milied, nilbsu ħwejjeġ isaħħnu<br>• **ir-rebbiegħa** – festa tal-Għid, fjuri, pjanti, kampanja, in-natura tieħu l-ħajja, idum ma jidlam, it-temperatura tkun komda, la bard u lanqas sħana<br>• **is-sajf** – baħar, sħana, vaganzi, temperaturi għoljin, għawm, niċċelebraw bosta festi, nilbsu ħafif<br>• **il-ħarifa** – is-siġar iwaqqgħu l-weraq, terġa' tibda l-iskola, il-ġurnata tiqsar, jidlam kmieni. |
| Ġ4.2.5 | nirriċerkaw l-effetti tat-temp estrem fuq l-ambjent u fuqna l-bnedmin | • **riċerka** – nagħmlu riċerka ħafifa dwar it-temp estrem u l-effetti li dan ġeneralment ikollu: nixfa kbira, ħafna xita f'daqqa eċċ.<br>• **niddiskutu** – niddiskutu kif it-temp estrem jaffettwa u jista' jagħmel ħsarat kbar fl-ambjent u anke fuq il-ħajja tal-bnedmin.<br>• **każi** – insibu każi minn gazzetti u mill-Internet tal-effetti negattivi li jista' jkollu t-temp estrem, eż, għargħar, nixfa, nuqqas ta' ikel, estensjoni tad-deżert eċċ.<br>• **rimedji** – naħsbu u niddiskutu xi modi kif nistgħu nevitaw x'uħud minn dawn l-effetti negattivi tat-temp estrem fuq l-ambjent u fuq il-ħajja tagħna, eż. l-*alarms* ta' Triq il-Wied Birkirkara<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***L-Estremitajiet tat-Temp – l-Għargħar u n-Nixfa***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Għarfien tat-tliet Biomi Prinċipali tad-Dinja***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Temperaturi estremi tat-Temp***<br>• **video**: ID-DEŻERT - http://youtu.be/DYxXTXvGbdc |

**Blokk Ġ4.3 It-tibdil skont l-istaġuni**

**Mira ta' Tagħlim**: *Nosservaw kif l-erba' staġuni jaffettwaw il-paesaġġ Malti, jaffettwaw l-attivitajiet li nagħmlu u l-ilbies li nilbsu. Nifhmu kif l-istaġuni m'humiex kollha l-istess madwar id-dinja*

| **kodiċi** | **ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
|---|---|---|
| Ġ4.3.1 | permezz ta' stampi u ritratti nosservaw il-bidliet staġjonali fuq | • **informazzjoni –** Naraw video dwar l-erba' staġuni: http://youtu.be/bGb6zC8YaWQ<br>• **fieldwork** – Inħaddmu l-kapaċitajiet ta' osservazzjoni tagħna billi naħdmu xi proġett fejn tiġi ossservata pereżempju għalqa partikulari (*fieldwork*) kif tinbidel skont l-istaġuni; it-tibdil li jsir fis-siġar u fil-fjuri. Inħajru |

| | | |
|---|---|---|
| | il-pajsaġġ tagħna u dak barra minn Malta | lill-istudenti jidentifikaw il-bidliet staġjonali meta josservaw anke l-ambjent ta' madwarhom, l-iktar fil-konfini tal-iskola stess u fil-madwar.<br>• **kitba kreattiva –** nagħżlu l-istaġun favorit tagħna u niktbu rakkonti, deskrizzjonijiet u stejjer sempliċi qishom qed jiġu rrakkuntati mill-istaġun stess.<br>• **preżentazzjoni powerpoint**: IT-TEMP FI STAĠUNI DIFFERENTI: http://www.authorstream.com/Presentation/tonypace-310423-temp-fi-staguni-differenti-duncan-caruana-attard-primary-education-ppt-powerpoint/<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 3)** ***L-Istaġuni*** |
| Ġ4.3.2 | nosservaw x'effetti jkollhom il-bidliet staġjonali fuqna l-bnedmin | ▪ **osservazzjoni**: noħorġu punti prattiċi biex nosservaw kif l-istil ta' ħajja tagħna jinbidel minn staġun għal ieħor. Eż. fix-xitwa iktar nieħdu gost nilagħbu logħob ta' ġewwa milli logħob ta' barra, fix-xitwa naraw iktar televixin, fis-sajf immorru ngħumu, fix-xitwa le, eċċ..<br>▪ **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***It-Temp fl-Istaġuni Differenti*** |
| Ġ4.3.3 | nifhmu kif jeżistu staġuni differenti minn tagħna madwar id-dinja | Huwa fatt li l-istaġuni ma jkunux kollha l-istess fil-pajjiżi kollha.<br>Mingħajr ma nidħlu f'ħafna teknikalitajiet żejda, nagħmlu osservazzjonijiet prattiċi, eż. l-Awstralja, il-Milied jiċċelebrawh fil-25 ta' Diċembru bħalna, imma tkun is-sħana. Meta Malta nkunu fl-istaġun tas-sajf, l-Awstralja jkunu fix-xitwa.<br>▪ **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 3)** ***Staġuni Differenti minn Madwar id-Dinja***<br>▪ **video**: EŻEMPJI TA' STAĠUNI DIFFERENTI MINN TAGĦNA: http://youtu.be/PMXjD96aqHA |
| Ġ4.3.4 | inżommu ġurnal mifrux fuq sebat ijiem u fih inniżżlu l-osservazzjonijiet tagħna | Nagħmlu eżerċizzju ħafif mal-istudenti. Nużaw l-esperjenzi tal-istudenti stess biex nagħmlu lista ta' attivitajiet li għamilna matul l-aħħar sebat ijiem, dejjem meta ma konniex l-iskola. Nikkwantifikaw il-ħin, eż.<br>• It-Tnejn – lgħabna barra (60 min), rajna televixin (90 min) eċċ..<br>• It-Tlieta – kellna l-Iscouts (90 min), rajna televixin (45 min) eċċ..<br>Meta jkollna lista sħiħa f'idejna, niddiskutu kieku jinbidel l-istaġun, x'konna nagħmlu differenti. Eż. minflok nilagħbu barra konna nilagħbu ċ-ċess ġewwa. Niddiskutu u nipproċessaw l-osservazzjonijiet tagħna, fis-sens li naraw kif l-istaġuni jaffettwaw l-attivitajiet tagħna. |
| Ġ4.3.5 | nidentifikaw il-ħwejjeġ differenti li nilbsu skont l-istaġun li nkunu fih | 1. Permezz ta' stampi u riżorsi oħra viswali nagħmlu referenza għal:<br>(a) xi lbies li kien jintuża fl-imgħoddi hawn Malta<br>(b) ilbies komuni ħafna hawn Malta llum<br>(c) xi lbies komuni użat minn popli oħra, eż. fin-North Pole jew fid-deżerti sħan u /jew kesħin<br>2. Nikkomparaw biex nitgħallmu – inqabblu stampi biex noħorġu d-differenzi fl-ilbies li nilbsu fi staġuni differenti; inqabblu fuq il-linji li ġejjin:<br>(a) lbies ta' ħdejn il-baħar, lbies xitwi |

| | | |
|---|---|---|
| | | (b) lbies tal-okkażjoni fis-sajf, lbies tal-okkażjoni fix-xitwa<br>(c) uniformi ta' pulizija fis-sajf, uniformi ta' pulizija fix-xitwa<br>(d) l-uniformi tagħna l-istudenti fix-xitwa, l-uniformi tas-sajf<br>(e) lbies sportiv tax-xitwa, lbies sportiv tas-sajf (N.B. *m'hemmx għalfejn nieħdu l-eżempji kollha; l-importanti li naslu biex nirrealizzaw li nilbsu pulit jew komdu, fost l-oħrajn, skont l-istaġun li nkunu fih*) |

## L-ISTORJA    Ir-Raba' Sena Primarja

**Blokk S4.1    Personaġġi Maltin**

**MIRI TA' TAGĦLIM**: *Napprezzaw il-kontribut li taw lill-kultura u lill-ħajja Maltija Dun Mikiel Xerri, Dun Karm Psaila u San Ġorġ Preca*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| S4.1.1 | Nagħmlu riċerka dwar it-tliet personaġġi msemmija | Nakkwistaw tagħrif dwar dawn il-personalitajiet Maltin: Dun Mikiel Xerri, Dun Karm Psaila u San Ġorġ Preca. It-tagħrif għandu jkun bażiku u ħieles minn dettalji żejda. L-istudenti għandhom ikunu jafu li:<br>• Dun Karm Psaila jissejjaħ il-poeta nazzjonali għax kiteb l-Innu Malti<br>• Dun Mikiel Xerri kien patrijott qalbieni għax ta ħajtu għal art twelidu<br>• San Ġorġ Preca waqqaf is-Soċjetà tal-MUSEUM li xterdet madwar il-Gżejjer Maltin u anke barra minn xtutna.<br><br>• video: **DUN KARM PSAILA**: http://youtu.be/VePOvzJKNww<br>• video: **DUN MIKIEL XERRI**: http://youtu.be/guLYp7hSJVY<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *Dun Karm Psaila*** |
| S4.1.2 | Għaliex il-poplu Malti għadu jgħożż il-memorja ta' dawn il-personaġġi; x'nistgħu nagħmlu biex infakkruhom dejjem iktar u aħjar | • **niddiskutu** – x'importanza kellhom dawn it-tliet personalitajiet fl-istorja ta' Malta? Għaliex baqgħu jissemmew? Għaliex għadna nfakkruhom sal-lum?<br>• **riċerka** – insibu d-dati marbuta ma' Dun Karm u ma' San Ġorġ Preca; meta nfakkru Jum Dun Karm? Kif infakkruh ġeneralment? Meta niċċelebraw il-festa ta' San Ġorġ Preca? Għaliex dawn id-dati huma importanti?<br>• **attività** – inwaħħlu stampa tal-personaġġi u niktbu d-data mportanti li fiha niftakru f'kull wieħed minnhom<br>• **il-ġid li għamlu** – naraw kull wieħed minn dawn il-personaġġi x'ġid għamel lill-poplu Malti u Għawdxi<br>• **effett fuq il-ħajja tagħna** – m'hemmx dubju li dawn it-tliet personalitajiet ħallew effett fuq il-ħajja tan-nies ta' madwarhom. Kif?<br>• **video** – mis-sensiela BIJOGRAFIJI naraw siltiet mill-video dwar Dun Karm: https://www.youtube.com/watch?v=kyBI1PbekUc (N.B *il-video fih madwar 60 minuta, allura l-għalliem għandu juri biss biċċiet minn hawn u minn hemm; xi 10 minuti jkunu biżżejjed*)<br>• Profil ta' San Ġorġ Preca: https://www.youtube.com/watch?v=1yNsGqv_MD0&list=PL67unRI4gwINLU_qF4ksqmjxO25r6LVdI |

| | | |
|---|---|---|
| S4.1.3 | Infittxu evidenza tal-effetti li dawn il-personaġġi ħallew fuq il-kultura Maltija | Nagħmlu riċerka u nfittxu evidenza (prova) li Dun Karm, Dun Mikiel Xerri u San Ġorġ Preca ħallew effetti li għadhom jinħassu sal-lum. Inħajru lill-istudenti jsemmu eżempji konkreti ta' din l-evidenza. Infittxu stampi, video clips, artikli. Xi eżempji oħra:<br>• Meta jindaqq/jitkanta l-Innu Malti<br>• Meta ngħaddu minn ħdejn il-monument ta' Dun Karm fi Triq Sant' Anna l-Furjana<br>• Meta nisimgħu innijiet bħal 'Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema' u 'Tina l-Ħlewwa'<br>• Meta naraw il-monument iddedikat 'Lil Dun Mikiel Xerri u lil Sħabu' fi Pjazza Indipendenza fil-Belt Valletta quddiem il-Berġa ta' Aragona<br>• Meta naraw il-lapida fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Furjana<br>• Meta ngħaddu minn quddiem xi qasam tal-MUSEUM li għandna fil-Gżejjer Maltin<br><br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Dun Mikiel Xerri*** |
| S4.1.4 | Infakkru lil dawn it-tliet personaġġi permezz ta' kitba kreattiva | Dan l-iżvilupp m'għandux isir fil-klassi imma jiġi biss diskuss u jingħataw ideat. L-istudenti jiġu mħajra jiktbu b'mod kreattiv dwar xi <u>wieħed</u> mill-personaġġi msemmija. Xi eżempji:<br>(a) djarju fittizju ta' ġurnata li Dun Mikiel Xerri għamel il-ħabs jistenna li jiġiu maqtul<br>(b) djalogu bejn Dun Mikiel Xerri u l-gwardjan tiegħu<br>(c) il-ħsibijiet ta' Dun Karm wara li kiteb l-Innu Malti<br>(d) djalogu bejn Dun Karm li għadu kemm beda jikteb bil-Malti u sieħbu li jħoss li l-Malti mhux tajjeb biex tikteb xogħol letterarju bih<br>(e) diskors qasir ta' Dun Ġorġ biex iħajjar liż-żgħażagħ jattendu l-laqgħat tal-MUSEUM<br>(f) djalogu bejn Dun Ġorġ u tifel ta' tmien snin fejn Dun Ġorġ iħajjar lit-tifel biex jattendi l-MUSEUM |
| S4.1.5 | Ikollna esperjenza ta' sors primarju għal kull personaġġ | L-għalliema jistgħu jirriċerkaw is-sorsi primarji li jixtiequ huma. Għal dawk li jistgħu jsibuha diffiċli jippreparaw sors primarju, qed jingħata eżempju wieħed għal kull personaġġ.<br>(a) sors primarju A – il-vuċi tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila: Dun Karm jinstema' jaqra poeżija lil Dun Mikiel Xerri. Ara video: http://youtu.be/78yA6u5LTio<br>(b) sors primarju B – l-inventarju bil-lista tal-kotba li kellu Dun Mikiel Xerri: http://youtu.be/3Ef5ao9Cztk<br>(c) sors primarju Ċ – filmati u ritratti li juru lil Dun Ġorġ Preca meta kien għadu ħaj: http://youtu.be/XaBlf3-je6c |
| | | |

**Blokk S4.2 Il-Ħrejjef, Il-Leġġendi u L-Istorja**

**MIRI TA' TAGĦLIM**: *Nifhmu d-differenza bejn il-ħrejjef, il-leġġendi u l-istorja; referenza għal-leġġendi dwar il-miġja tan-Normanni fil-Gżejjer Maltin*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| S4.2.1 | nirriċerkaw eżempji ta' | Inħajru lill-istudenti jaqraw xi ħrejjef mill-mitoloġija Griega. |

| | | |
|---|---|---|
| | ħrejjef mill-mitoloġija Griega | Dejjem għandna nagħtu kas it-tagħlima li dawn il-ħrejjef jippruvaw jgħallmuna.<br>L-istudenti għandu jkollhom esperjenza minima ta' żewġ ħrejjef.<br>Insemmu eżempju ta' **esperjenza ta' ħrafa**: *Iż-Żrinġ u l-Ġurdien ta' Esopu*:<br>http://www.scribd.com/doc/104720931/Esopu-Kittieb-Il-hrejjef |
| S4.2.2 | ikollna esperjenza ta' leġġenda Maltija | Hawnhekk qed jissemma eżempju, imma sempliċi riċerka bl-Internet tagħtik ħafna eżempji.<br>**leġġenda** – il-*Leġġenda tal-Mensija* (San Ġwann) – http://www.kappellimaltin.com/Il-LeggendaTal-Minsija.pdf<br>L-istudenti jiġu mħajra b'mod kreattiv joħolqu l-leġġenda oriġinali tagħhom. Ma ninsewx li l-leġġenda għandha l-għeruq tagħha fl-istorja. Leġġendi tajbin għandhom:<br>(a) jinqraw lil udjenza fil-klassi<br>(b) jittellgħu fuq websajt/s eċċ... dan iservi ta' nkoraġġiment għall-awturi żgħar tagħna |
| S4.2.3 | Ikollna esperjenza ta' test storiku ibbażat fuq l-evidenza | Il-Ġrajja tal-Miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta – ġrajja storika;<br>din hija **storja vera** – Il-Konti Ruġġieru ġie Malta u rebaħ lill-Għarab fl-1091. Din hija storja li ġrat vera. |
| S4.2.4 | nagħmlu differenza bejn ħrafa u leġġenda | Nagħmlu differenza bejn ħrafa u leġġenda.<br>• **Ħrafa** – hija għal kollox ivvintata; tista' tkun forma ta' poeżija jew proża; fiha nistgħu pereżempju niltaqgħu ma' annimali jitkellmu qishom bnedmin; il-ħrafa tispiċċa dejjem b'xi tagħlima. Jibqgħu famużi ħafna l-ħrejjef ta' Esopu, kittieb Grieg.<br>• **Il-Leġġenda** – din ikollha l-bażi tagħha fl-Istorja, imma diffiċli biex titwemmen kollha kemm hi. Pereżempju li l-Konti Ruġġieru tana l-ilwien tal-bandiera Maltija hija biss leġġenda u mhux storja vera. Ninnutaw li l-Konti Ruġġieru vera ġie Malta u rebaħ lill-Għarab. |
| S4.2.5 | nirriċerkaw l-istorja tal-miġja tan-Normanni f'Malta fis-sena 1091 u nikklassifikaw ir-riċerka f'jew LEĠĠENDA jew fi STORJA | Insibu eżempji ta' veritajiet storiċi u leġġendi mill-Ġrajja tal-Miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta<br>• **video**: **IL-MIĠJA TAL-KONTI RUĠĠIERU FIL-GŻEJJER MALTIN**: http://youtu.be/cjfhnpA_RaM<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Il-Konti Ruġġieru – Fatti u Leġġendi***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***1091 Għaliex in-Normanni Ħakmu lil Malta?*** |
| | | |

**Blokk S 4.3 Ċelebrazzjonijiet u Ħin Liberu**

**MIRI TA' TAGĦLIM**: *Nesploraw kif it-tfal Maltin u l-adulti kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom fil-passat; referenza għall-festi tradizzjonali prinċipali Maltin u xi aspetti minnhom li għadhom isiru sal-lum*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| S4.3.1 | Nagħmlu lista ta' | Nagħmlu lista ta' attivitajiet tipiċi li nagħmlu matul ġimgħa ta' sebat ijiem. Nikklassifikaw l-attivitajiet taħt (a) Ħin |

| | | |
|---|---|---|
| | attivitajiet li nagħmlu matul il-ġimgħa u nikklassifikawhom taħt ĦIN LIBERU jew XOGĦOL | Liberu – ĦL, jew (b) Xogħol – X.<br>Għall-fini ta' dan l-eżerċizzju, l-istudju u dak kollu li jsir bħala xogħol li għandu x'jaqsam mal-iskola għandu jitqies bħala 'xogħol'.<br>• **xi eżempji**: nattendu lezzjoni tal-mużika (ĦL), nattendu għaqda (ĦL), noħorġu bir-roti (ĦL), nagħmlu l-*homework* (X), naqraw (X), nilgħab logħba fuq il-kompjuter (ĦL), nagħmel riċerka fuq tema li tani l-għalliem (X), ngħin fix-xogħol tad-dar (X), eċċ..<br>• **diskussjoni** – x'inhu l-iktar importanti, il-ħin liberu jew ix-xogħol? Meta tkun l-iktar għal qalbek, taħdem jew waqt il-ħin liberu? Ġieli ħassejtek imdejjaq avolja waqt il-ħin liberu? Għaliex taħseb li avolja waqt il-ħin liberu nistgħu ma nkunux ferħanin? |
| S4.3.2 | Nintervistaw persuna anzjana dwar kif kienu jgħaddu l-ħin liberu fil-passat | Nitgħallmu mill-memorji tal-anzjani tagħna. L-anzjani mhux biss jieħdu gost jitħaddtu fuq tfulithom imma dan jagħmel tajjeb lilhom u lilna. Aħna nistgħu nitgħallmu ħafna mingħandhom.<br>Xi punti li nistgħu nippruvaw noħorġu:<br>• logħob li kienu jilagħbu<br>• kemm kienu jgħaddu ħin jilagħbu<br>• kif kienu jqattgħu tmiem il-ġimgħa (is-Sibt u l-Ħadd)<br>• x'festi kienu jiċċelebraw u kif kienu jiċċelebrawhom<br>• kemm kellhom vaganzi<br><br>▪ **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *Il-Logħob Tradizzjonali Malti***<br>▪ **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *Il-Logħob – l-Imgħoddi u Llum*** |
| S4.3.3 | Inqabblu attivitajiet li nagħmlu fil-ħin liberu llum ma' dawk li kienu jsiru fil-passat | M'hemmx għalfejn ħafna eżempji. Jekk nitkellmu dwar żewġ eżempji jkun biżżejjed. L-importanti huwa l-messaġġ li l-ħajja mhux minn dejjem kienet kif nafuha llum.<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *Nagħrfu bejn id-Delizzji Antiki u Dawk Moderni***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4) *Id-Divertiment Malti fl-Antik*** |
| S4.3.4 | Nirriċerkaw dwar il-festi tradizzjonali Maltin u nidentifikaw karatteristiċi li għadhom isiru sal-lum | Nikkonċentraw fuq dawn il-festi:<br>• Il-Milied<br>• Il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir<br>• L-Imnarja<br>• Il-Festa tar-Raħal<br>Insemmu dawn il-festi waħda waħda, u nippruvaw permezz ta' riċerka nsibu xi aspetti tagħhom li kienu jsiru fil-passat u għadhom isiru llum. |

| | | |
|---|---|---|
| | | N.B. Bil-kelma riċerka nifhmu: infittxu bl-Internet, nintervistaw lill-anzjani, naqraw eċċ..<br><br>**LOGĦOB INTERATTIV**:<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Drawwiet u Tradizzjonijiet ta' Żmien il-Milied***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Drawwiet u Tradizzjonijiet tal-Għid***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***L-Imnarja***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***L-Imnarja – Drawwiet u Tradizzjonijiet***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***L-Għid il-Kbir, Ilbieraħ u Llum***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Drawwiet Antiki tal-Festa li Għana Narawhom Sal-Lum***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 4)** ***Id-Drawwiet u t-Tradizzjonijiet tal-Milied fl-Antik***<br>• **Media – video clip: IL-FESTA TRADIZZJONALI TAL-IMNARJA: http://youtu.be/kOJb5K8HtiQ** |
| S4.3.5 | Infittxu eżempji ta' kemm il-mużika kienet u għadha popolari mal-poplu Malti bħala passatemp | 1. Infittxu eżempji kemm il-Maltin minn dejjem kienu jħobbu l-mużika. Insemmu żewġ eżempji jkun biżejjed:<br>▪ L-għana bil-kitarri<br>▪ Il-baned li biċċa minnhom bdew idoqqu ħafna snin ilu<br>2. infittxu eżempji mill-ħajja tal-lum dwar il-Maltin u l-mużika:<br>▪ Il-korijiet fil-knejjes u anke barra<br>▪ Il-każini tal-baned<br>▪ Il-Eurovision<br>▪ Il-Junior Eurovision<br>▪ Festivals ta' kant li jsiru matul is-sena kollha, eċċ..<br>Niddiskutu għaliex il-mużika kienet u tibqa' daqshekk importanti għall-bnedmin.<br>X'inhuma l-esperjenzi mużikali li għandhom l-istudenti tagħna? |
| | | |